VALLETTA
*Città Umilissima*

MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 55

It-Tlieta 7 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċini tal-Kunsill Lokali fil-16:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Nil

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgħa. Il-Kunsill qal it-talba.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

55.1.1 Nil

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-sindku

55.3.1 Is-sindku informa lil Kunsill li kien hemm laqgħa ta' skrutinju fuq il-Kunsill mill-Council of Europe fejn żaru il-Kunsill 5 osservaturi. Din tiġri kull 5 snin. Dawn jinbagħtu biex jaraw li il-gvern qiegħedx iwettaq dak li hemm fil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Matul din il-laqgħa is-sindku semma li bħala Kunsill ta' Belt Kapitali għandna nuqqas ta' fondi u nuqqas ta status ta' Belt Kapitali. Is-sindku semma ukoll id-diversi xogħolijiet ta' restawr li sar fil-Belt Valletta. Adrian Mifsud assista f'din il-laqgħa. .

55.3.2 Is-sindku jixtieq illi il-Belt Valletta tkun imniżżla fil-kostituzzjoni bħala belt Kapitali. Din qatt ma saret għaliex sa issa ħadd ma indenja ruħu.

55.3.3 Is-sindku informa illi beda il-proġett tad-dawl ta' Triq ir-Repubblika illi huwa kollu imħallas mill-Enemalta. Dan id-dawl ser isir kollu bid-dimmer.

MSL saqsa jekk dan il-proġett huwiex ser isir Triq ir-Repubblika biss.

AZ qal illi dan id-dawl sar minn Ray Bondin u li għalissa ser jintużaw l-istess cable. Dan però ser jinbidel biż-żmien. Dan il-proġett ser jinkludi Triq ir-Repubblika kollha u kif ukoll ir-ring road. Dan id-dawl ġie iddisinjat minn espert tad-dawl Franċiż illi kien ħadem ma Renzo Piano meta sar ix-xogħol ta' bieb il-belt. Dan id-dawl qed isir b'tali mod illi jixgħel il-faċċati ta' knejjes u bini importanti ieħor.

## 55.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

55.4.1 GA infurmat illi kienet fil-proċess li tibda il-proġett tal-Public Convenience ta' Hastings Garden iżda il-kuntrattur oriġinali ma setax ikompli fuq il-proġett u għalhekk ser immexxu bil-kuntrattur li ġie it-tieni fit-tender.

55.4.2 Il-proġett tal-bandli ta' fejn il-War Museum kienu inħarġu 3 tenders għalih u issa applika wieħed biex jaħdem fuqu. Dan qed jiġi evalwat biex jekk ma hemmx problemi nistgħu nipproċedu.

55.4.3 Il-public convenience ta' Marsamxett li kien sponsorjat minn Reġjun Port ser ikun lest dalwaqt. GA trid issib persuna biex taħdem bħala attendant.

55.4.4 GA infurmat illi applikat għal xi fondi biex ikun hemm iktar cameras fil-Belt Valletta. Għal proġett tal-LESA li kien ħadem fuqu CM ħa jinħareġ tender. Dawn il-cameras ser jiffukaw iktar fuq sigurtà.

GA infurmat lil Kunsill illi il-president tal-Kunsilli lokali approva li isiru il-cameras li jiffukaw fuq rimi ta' skart bl-addoċċ fil-Belt Valletta.

GA infurmat illi iż-żewġ sistemi ta' cameras ser ikunu imqabbdin mas-sistema tal-LESA.

CM saqsa fuq it-timeline ta' dawn il-cameras. GA infurmatu li dawn għandhom ikunu lesti sa l-aħħar tas-sena.

RA saqsa jekk dawn il-cameras hux ser jidħlu fuq il-privatezza tar-residenti. GA infurmatu illi dawn ser jiffukaw biss fuq żoni fejn hemm problemi.

RA saqsa jekk hux possibbli li il-cameras tal-lift ta' Bieb il-Belt ikunux inklużi ma dawn il-cameras. GA infurmatu li dan hu il-każ.

GA infurmat illi meta ikun hemm inċidenti fil-lift hija tibgħat lil kuntrattur biex jibgħatu il-video dirett lil pulizija.

55.4.5 Is-sindku saqsa fuq il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart. GA infurmatu illi il-Kunsill ħallas għal Special post mal-MaltaPost iżda mhux kollox twassal kif suppost.

55.4.6 GA infurmat illi il-Kunsill Lokali ser jidħol membru f'Association Focus Europe dan sabiex il-Kunsill Lokali ikollu iktar opportunitajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Għal dan hemm pagament annwali ta' €2000.

## 55.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

55.5.1 JB saqsa fuq il-fuljett tal-Kunsill. GA infurmatu illi ser jinħareġ fuljett ta' Il-Kapitali għal-żmien il-Milied. Talbet lil kunsilliera biex jippreparaw artiklu dwar id-dekasteru tagħhom.

55.5.2 RA saqsa għalfejn inbidel il-ħin ta' l-iskart. AZ infurmah illi dan sar ħabba pressure minn naħa tal-gvern għaxit-trakk ta' l-iskart ma kienx pulit jgħaddi waqt li in-nies jieklu. RA issuġġerixxa li issir ronda oħra u li il-karta ta' l-iskart ikollha il-ħin speċifiku biex tkun iktar ċara.

Is-sindku semma illi hemm xi ristoranti u stabbilimenti li ma għandhomx kuntrattur li jiġbor l-iskart. F'dawn il-każijiet qedgħin jintbagħtu l-enforcement biex dawn isiru konformi mal-liġi.

Is-sindku saqsa jekk hux possibbli li naraw xi problemi għandu il-kuntrattur.

AZ issuġġerixxa li ninfurmaw dwar il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart fil-knisja. Issuġġerixxa ukoll li il-gvern għandu iżid iktar Enforcement

55.5.3 MSL saqsa jekk hemmx xi ħsieb illi isir dawl f'żoni residenzjali
GA infurmatu illi hija applikat għal diversi proġetti biex isir dawl fiż-żoni residenzjali biex jiġu installati fanali ġodda bħal ma hemm ġo Triq Merkanti. Sa issa il-Kunsill iffoka iktar fuq l-installazzjoni ta' cameras, però minn issa 'il quddiem ser napplikaw iktar għal dawl fit-toroq. GA ser taghmel proposta biex kull ministeru li hawn fil-Belt Valletta jagħmel sponsor ta' żewġ fanali.

55.5.4 VF saqsa dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fin-naħa ta' bieb il-Belt.
AZ infurmah illi dik hija area tal-Cleansing Department u li dawn ma humiex qed jikkooperaw. Dar il-Mediterran għandhom pjan li jagħmlu dawl minn fuq il-Bejt.

55.5.5 MSL qal illi huwa kellem lis-segretarju eżekuttiv biex issir librerija żgħira fil-Kunsill li ikun fiha kotba minn awturi Beltin jew dwar il-Belt Valletta. Huwa diġà kellem lil numru ta' awturi fosthom Vince Fabri, Ramon Depares, it-tfal ta' Victor, Mr. Grioli. Huwa jixtieq li dawn il-kotba ikunu iffirmati mill-awturi.

55.5.6 RA semma illi hemm xi residenti fl-inħawi ta' Pjazza Indipendenza li għandhom karozzi elettriċi li jixtiequ li jistgħu jiċċarġjawhom f'tal-ministeru.

55.5.7 RA talab biex il-Kunsill jitkellem mal-MTA u il-Ministeru tat-Turiżmu dwar il-koppla tal-Knisja tal-Karmnu għax dawn ġiehom kont għoli ħafna li ma jifilħux iħallsuh.

55.5.8 CM saqsa jekk hemmx xi informazzjoni dwar il-by-law li ħadem fuqha il-Kunsill fi żmien il-Gimgħa il-Kbira. AZ infurmah illi din qedgħa tiġi evalwata però jidher illi tawha ftit il-ġemb. Is-sindku informa illi kellu laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici dwar dan u dan huwa on board. Is-sindku jixtieq illi nhar Ħamis ix-Xirka u nhar il-Ġimgħa il-Kbira ma ikunx hemm mużika waqt il-purċissjonijiet. Is-sindku qal illi huwa talab biex jagħmel laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija peress li il-pulizija stazzjonati fil-Belt Valletta ma humiex qed jagħmlu xogħolhom kif suppost.

55.5.9 RA informa illi huwa kellu laqgħa mal-Ministru ta' Turiżmu u li dan infurmah illi ser ikun hemm xi updates fil-ġimgħat li ġejjin.
AZ infurma lil Kunsill li il-gvern qed jagħmel xi proġetti pilota.

55.5.10 CM fakkar illi huwa kien talab lil Kunsill biex iġibu iformazzjoni dwar kemm kienu ħarġu ċitazzjonijiet minn entitajiet dwar problemi rilatati ma stabbilimenti. Dan sabiex naraw jekk dawn li qedgħin nirċievu ilmenti fuqhom humiex qed jirċievu ċitazzjonijiet.

55.5.11 CM semma illi jixtieq li il-Kunsill jagħmel xi ħaġa rilatata mas-saħħa mentali għax din hija problema kbira speċjalment fost l-irġiel u qedgħa tissejjaħ bħala it-tieni pandemija wara Covid-19.

55.5.12 RA saqsa jekk hux possibbli li il-Kunsill jorganizza Christmas Village. Il-Kunsill deher interessat f'dan però hemm ċans li il-Kunsill ma għadux fil-ħin.

## 55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

55.6.1 Nil

## 55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

55.7.1 NIL

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Settembru u Ottubru 2023

IFFIRMATA



Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA



Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv